MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 1932/2004

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u rappresentanza tas-socjeta estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta'l-assikurat taghha Rennie Pace abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Rennie Pace**

**vs**

**Michaela Caruana**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Ottubru, 2004, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u tmienja u sebghin lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm278.45) rappresentanti danni sofferti mill-atturi b'rizultat ta' incident stradali li sehh fl-1 ta' Novembru 2003 ghal habta tal-12:05p.m. gewwa Triq in-Naxxar, B'Kara, bejn il-vettura

proprjeta ta’l-attur Rennie Pace, bin-numru ta’ registrazzjoni LAC 282 u l-vettura misjuqa mill-konvenuta bin-numru ta’ registrazzjoni AAB 848, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta’ traskuragini, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali tat-30 ta’ Awissu 2004 u ta’l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma’l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenuta u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta’l-ittra ufficjali imsemmija, kontra l-konvenuta, ingunta in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tas-17 ta’ Frar 2005, meta gew pprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ mitejn u tmienja u sebghin lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm278.45), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali tat-30 ta’ Awissu 2004 u ta’l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma’l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenuta ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------